

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11749/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0216(NLE)

AELE 63
FL 31
ISL 41
N 67
MI 764
ENER 508

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata
fisem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE
dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE
(Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Huwa xieraq li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014³ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/1994/1/oj.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta’ Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta’ Trażmissjoni (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/312/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
